# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha, 5 ta' Lulju, 2023

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1017/2023ISB** fl-ismijiet :

**Mark Pace (KI Nru 547677M)**

**vs**

**Awtorita' tal-Ippjanar**

**Il-Qorti** :

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fl-14 ta' Gunju 2023 fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimata Awtorita' milli :

*Tkompli u/jew tissokta b'xogholijiet ta' twaqqiegh u demolizzjoni ta' kamra zghira retroposta ghal bini tal-imsemmi club, liema xoghol ta' twaqqiegh u demolizzjoni kien qed jigi ezegwit qabel ma dan twaqqaf temporanjament b'digriet moghti fis-17 ta' Mejju 2023 minn din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 788/2023 fl-ismijiet 'Mark Pace vs Awtorita' tal-Ippjanar' liema proceduri gew estinti b'digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2023 peress illi r-rikorrent, li ma kienx notifikat bl-avviz tas-smigh, ma dehrex ghas-smigh dak in-nhar u ghalhekk kellu jerga' jigi propost dan ir-rikors.*

u dan għar-raġunijiet hemmek premessi.

Rat id-**digriet** tagħha tal-14 ta' Gunju 2023, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata Awtorita' bi żmien prefiss biex twiegeb u fejn appuntat ir-rikors għas-smigh ghall-udjenza tal-21 ta' Gunju 2023.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikat.

Rat ir-**risposta** tal-intimati pprezentata fid-19 ta' Gunju 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Rat il-verbali taz-zewg edutri mizmuma u rat illi fl-udjenza miżmuma fit-3 ta' Lulju 2023, ir-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi r-rikorrenti qed jilmenta illi azzjoni li qed tiehu l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tiddomolixxi kamra in segwitu ghal Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq kien qed jikser id-drittijiet tieghu. Jghid dan principarjament (1) ghaliex l-Avviz msemmi ma harigx f'ismhu imma f'isem "Segretarju Klabb tal-Bocci (Pieta'), (2) ghaliex il-kamra hija zghira u kien hemm ragunijiet fil-ligi sabiex dan l-izvilupp jigi sanzjonat, kif fil-fatt hemm l-intenzjoni illi jsir, u (3) ghaliex biex isir ix-xoghol ta' demolizzjoni, hemm il-possibilita' ta' hsara fuq wicc il-pitch.

**/Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimata Awtorita' tilqa' ghal dan il-Mandat billi principarjament tghid illi gja kien hemm Mandat identiku fil-gimghat li ghaddew (788/2023FDP) li gie michud. Fit-tieni lok teceppixxi n-nullita' tal-Mandat peress illi ma jissodisfax dak li trid il-ligi mill-aspett formalistiku taghha, u fit-tielet lok ma jistghax isir Mandat kawtelatorju kontra l-Awtorita' bhal dan peress illi l-ligi ma tippermettix.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12**, l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat. Ili skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap12**, il-Qorti

m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorgu żewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel ma taghmel konsiderazzjonijiet ohra, il-Qorti trid qabel xejn tistharreg il-punt sollevat mill-Awtorita' intimata dwar <u>in-nullita' tal-Mandat</u>.

L-Awtorita' intimata ssostni illi l-**Artikolu 1007 (1) tal-KAP 12** ighid espressamnt hekk : *Fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skond il-formoli migjuba fl-iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici*. Issostni illi aktar milli s-semplici formalita' tal-formola, lanqas il-kliem tal-formola li tinsab fl-iskeda ma hi rispettata fir-Rikors mressaq.

L-Awtorita' ssostni fit-tieni lok illi ai termini tal-**Artikolu 100(3) tal-KAP 522**, salv id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-KOstituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, ma jistghax jinhareg Mandat kawtelatorju kontra l-Awtorita' biex hija tinzamm milli tezercita xi whda mis-setghat moghtija lilha.

Dwar l-ewwel bazi tan-nullita', giustament illi l-Awtorita' tghid illi din qed tinghata mhux tant ghaliex ma ntuzatx il-formola numru 21 fl-iskeda msemmija, imma ghaliex dak li l-ligi trid bhala formalitajiet bl-imsemmija formola huwa nieqas. Isemmi f'dan is-sens il-fatt illi l-kopja notifikata lilha ma ghandiex l-ordni tal-Marixxal.

Il-Qorti fliet sewwa ir-rikors mressaq, u tista' tikkonkludi illi ghalkemm ma jintuzax necessarjament il-kliem mnizzel fil-formola, b'dan kollu minn qari tar-rikors huwa car dak li qed jittenta jikkawtela ir-rikorrent u il-procedura illi qieghed imexxi l-quddiem. Fil-process, invece, l-ordni tal-Marixxal qeghda hemmek ukoll. Ghalhekk din il-bazi ser tigi skartata.

In kwantu ghat-tieni bazi tal-eccezzjoni tan-nullita`, l-Awtorita' intimata tirreferi ghall-artikolu 100(3) tal-KAP 552, l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, li jipprovdi illi; *Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra u salv id-*

*dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ma għandu jinħareg jew jingħata minn l-ebda qorti ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorità li jżommha milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu.*

Issa l-Qorti tqis illi dan il-provvediment ghandu jinqara fil-kuntest taz-zewg sub-incizi precedent tal-Artikolu 100, ossia;

*(1) Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi s-sospensjoni, twaqqif jew ħtieġa oħra bħal dik, meħtieġa li jittieħdu b'avviż ta' twettiq ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat hemmhekk, il-Kunsill Eżekuttiv jista' jidħol fl-art jew fiż-żona tal-baħar u jieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif imsemmija mingħajr ebda formalitajiet oħra rikjesti minn xi liġi oħra, inklużi l-iżmantellar jew it-tneħħija ta' xi apparat, makkinarju, għodod, beni, vetturi jew oġġetti oħra li jistgħu jkunu fuq is-sit u l-għemil ta' kull xogħol meħtieġ biex jitwettaq dak mitlub fl-avviż ta' twettiq u għal dan il-għan jista' jitlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull aġenzija tal-Gvern, u l-Korp tal-Pulizija u, jew il-Forzi Armati għandhom għal dan il-għan jeżerċitaw dawk is-setgħat mogħtija lilhom bil-liġi, fuq talba għall-assistenza tal-Kunsill Eżekuttiv.*

*(2) Fejn it-tneħħija ta' żvilupp illegali bilfors tinvolvi t-tneħħija wkoll ta' żvilupp li mhux illegali, il-Kunsill Eżekuttiv jista' jipproċedi biex ineħħi wkoll dak l-iżvilupp l-ieħor li t-tneħħija tiegħu tkun meħtieġa kif hawn qabel imsemmi.*

Il-Qorti tqis illi dan l-artikolu huwa important hafna fil-mansjoni tal-Awtoita' intimata illi taghmel *enforcement*. Il-Qorti tqis illi l-legislatur ta' poteri wiesa' sabiex dan isir, u pprotega d-drittijiet ta' min ikun kiser il-ligi bi zvilupp llegali b'mod adegwat b'referenza ghad-drittijiet fondamentali ta' tali persuna. Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma ressaq ebda ilment ta' din in-natura u kwindi l-Qorti tqis illi mhux applikabbli l-eccezzjonijiet ghall-effetti tal-Artikolu 100(3) tal-KAP 552.

Il-Qorti diversament preseduta gja kellha diversi opportunitajiet illi tesprimi ruha b'mod car fuq l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Din il-Qorti ma ghanda xejn x'izzid, ghajr illi thoss illi ghandha tghid illi f'socjeta' fejn l-infurzar f'pajjizna huwa f'hafna aspetti tieghu mankanti u limitat, il-Qorti thoss illi fejn hemm dispozizzjonijiet fil-ligi illi jimmilitaw favur infurzar serju u

effettiv, allura hija ser tkun hemm biex ma thallix tali infurzar jigi inutilment mxekkel.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti thoss illi ghandha tilqa' din l-eccezzjoni tal-Awtorita' intimata u tiddikjara illi t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo ma jsibx sostenn ai termini tal-Artikolu 100(3) tal-KAP 552.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi **:**

a) **tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet taghha tal-14 ta' Gunju 2023, u

b) **tichad** b'mod definittiv it-talba kif dedotta ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrent.

Mogħti *in camera* illum, l-Erbgha, 5 ta' Lulju, 2023.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**